**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**

**-vs-**
**Kersten Catania, detentur tal-karta tal-identità numru 422191M.**

**Abigail Mc Manus Sultana, detentriċi tal-karta tal-identità numru 55494M.**

*Kumpilazzjoni Nru. 663/2022*

Illum, **8 ta' Frar, 2023**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputati **Kersten Catania u Abigail Mc Manus Sultana** u ċioe talli:

Nhar is-6 t'Ottubru ,2022 u/jew is-6 ta'Settembru, 2022, mill-fond 'Il-Ħarruba' (ex-Coast Ridge Mansion Guest House) fi Triq il-Kappella ta' Santa Marija, il-Mgħatab, limiti tan-Naxxar:

1. Ikkommettew serq ta' għadd t'oġġetti, fosthom inkwadri w *catering equipment* industrijali, liema serqa hija aggravata bil-mezz u bil-valur, li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disgħa w għoxrin Ewro u sebgħa w tletin ċenteżmu (€2329.37), għad-dannu ta' George Galea w/jew ta' xi persuna/i oħra w/jew ta' xi entita' jew entitajiet oħra;

2. Talli irrendew irwieħom reċidivi ai termini tal-Artrikolu 49, u fil-każ ta' Kersten Catania waħdu, ukoll ai termini tal-Artikolu 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta b'diversi sentenzi definittivi mogħtija mill-Qrati ta'Malta.

Rat li waqt l-ewwel udjenza miżmuma nhar i-13 ta' Novembru, 2022 l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A tal-Kodiċi Kriminali w ċioe wara li l-imputati wieġbu li huma ħatja għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħhom, din il-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba w huma ngħataw żmien xieraq sabiex jekk riedu setgħu jerġgħu lura minnha.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħhom, u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tagħhom , il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputati ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħhom kif minnhom ammessi.

**Il-Piena**

Dwar il-piena l-Qorti qieset dak li kellhom x'jirrapportaw l-uffiċjali tal-Probation li għamlu eżami eżawrjenti dwar il-karattru, l-anteċedenti w l-istat, inkluż dak familjari, tal-imputati.

Minkejja l-passat xejn sabiħ tal-imputat fejn minn età żgħira kien espost għall-kriminalità u dan, mhux forsi, anke b'konsegwenza li ġej minn familja kriminoġenika,[1] fejn irnexxielu jżewwaq il-fedina penali tiegħu b'reati ta' kull tip u xorta, ġie riskontrat fl-imputat andament pożittiv fejn qed jagħmel ħiltu biex jitbiegħed mill-problema tad-droga li kienet ikkontrollat ħajtu. Hu minnu wkoll però li dan il-każ twettaq fl-aħħar sena, li skond l-uffiċjal, tgħid li kien iż-żmien li beda jagħmel dawn l-isforzi biex ibiddel id-direzzjoni li kien għażel li jagħti lill-ħajtu. F'dan iż-żmien ġie rikonoxxut sfortunatament li għadu jagħmel użu mill-kannabis u l-alkoħol u dan mingħajr ma jirrikonoxxi li dawn huma

[1] Fol.11 tar-Rapport **Dok.GJ**

problema għalih. Hu għalhekk li ġie rakkomandat li jattendi sessjonijiet psikoloġiċi fi ħdan id-Dipartiment għall-Probation u Parole.[2]

Dwar l-imputata ġie kkonstatat il-bżonn li jkun assessjat sew l-aspett tad-droga f'ħajjitha bil-għan li l-problema, wara li tiġi meqjusa sew, tiġi indirizzata. Inħasset il-ħtieġa li trawmi tal-passat jiġu analizzati sew minħabba li għandhom effett dirett fuq il-ħajja tagħha preżenti w dik futura.[3]

Il-Qorti qieset in-natura tar-reati li qed tinstab ħtija dwarhom, tal-fedina penali taż-żewġ imputati w taċ-ċirkostanzi tal-każ fejn hu mifhum li in gran parte ir-*res furtiva* ġiet ritornata lid-derubat.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 49, 261(b)(c), 263, 264, 265, 267, 278(1)(2), 279(b) u 280(2) tal-Kodiċi Kriminali, u fil-konfront ta' Kersten Catania waħdu wkoll l-artikoli 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali, issib lill-imputati Kersten Catania u Abigail Mc Manus Sultana ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħhom u:

(a) Fil-konfront ta' **Kersten Catania** bl-applikazzjoni tal-artikolu 7 tal- Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tpoġġi lill-imputat taħt ordni ta' probation għal perjodu ta' tlett (3) snin millum.

    Kif ukoll ai termini tal-artikolu 11 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti tordna li Kersten Catania jitqiegħed taħt ordni ta' servizz fil-komunità għal ammont ta' erba' mija u tmenin (480) siegħa.

    Il-qorti spjegat lill-ħati bi kliem li jiftiehem sew l-effett tal-ordni u li jekk jonqos li jikkonforma ruħu magħha jew jagħmel xi reat ieħor, il-ħati jkun jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali.

[2] Fol.12-13
[3] **Dok.LF** a fol.11

Inoltre a tenur tal-artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qegħda tpoġġi lill-ħati taħt Ordni ta' Trattament għal żmien tlett (3) snin sabiex jingħata l-għajnuna psikoloġika u/jew psikjatrika meħtieġa kif ukoll biex jindirizza l-problema ta'xorb u teħid ta' droga kannabis.

Dan l-ordni qed jiġi anness ma din is-sentenza.

(b) Fil-konfront ta' **Abigail Mc Manus Sultana** tikkundannaha għall-**sentejn (2) priġunerija** li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qed jiġu sospiżi għal tlett (3) snin mil-lum.

Inoltre ai termini tal-Artikolu 28G(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qiegħda tpoġġi lill-ħatja taħt ordni ta' superviżjoni għal tlett (3) snin u flimkien ma' din is-sentenza qiegħda tannetti d-digriet dwar dan l-Ordni u tiddikjara illi dan l-Ordni għandu jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

A tenur tal-artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qegħda tpoġġi lill-ħatja taħt Ordni ta' Trattament għal żmien tlett (3) snin sabiex jingħata l-għajnuna psikoloġika meħtieġa kif ukoll biex tindirizza l-problema tad-droga.

Il-Qorti spjegat lill-imputati Kersten Catania u Abigail Mc Manus Sultana l-konsegwenzi jekk jikkommettu reati ieħor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza, jekk ma jsegwux id-direttivi li se jingħataw fil-perjodu ta' superviżjoni fuqhom impost jew tul l-ordni ta' trattament skond il-każ.

Bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali tordna lill-imputati iħallsu l-ammont ta' **€1,535.65** kull wieħed rappreżentanti l-ispejjeż relatati mal-inkjesta maġisterjali rigward il-każ in deżamina li sa issa, dejjem in kwantu għall-spejjez relatati għal xogħol ta' l-esperti li laħħqu espletaw, hu dak ta' **€3,071.30.** Tali ħlas għandu jsir sa mhux aktar tard minn sena millum.

Peress li wħud mill-esperti nominati fl-inkjesta għadhom ma ppreżentawx ir-rapport intaxxat tagħhom, tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lir-Reġistratur biex ikun f'pożizzjoni jipproċedi fil-konfront tal-imputat ai termini tal-artikolu 533(3) tal-Kodiċi Kriminali.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lid-Dipartiment tal-Probation u l-Parole.

Finalment ai termini tal-Artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda toħroġ Ordni tat-Trażżin fil-konfront tal-imputati a favur ta' George Galea u l-familjari tiegħu għal żmien tlett snin m'illum.

Ai termini tal-artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' dawn l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**

NOTIFIKA: REĠISTRATUR QRATI KRIMINALI